31994D0059

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Jannar 1994

dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni tal-prodotti mil-laħam mill-Baħrajn u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/449/KEE

(94/59/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tas-saħħa tal-bhejjem u l-ispezzjoni veterinarja fuq l-importazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat, in-nagħaġ u l-mogħoż u l-ħnieżer, il-laħam frisk jew il-prodotti mil-laħam minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 1601/92 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 21a u 22 magħha,

Billi id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/452/KEE [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/507/KEE [4], tfassal lista tal-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtoriżżaw l-importazzjonijiet tal-bhejjem ta' l-ifrat, il-ħnieżer, l-ekwidi u l-laħam frisk, kif ukoll il-prodotti mil-laħam;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/449/KEE [5], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 93/504/KEE [6] tistabbilixxi ċ-ċertifikati kampjuni tas-saħħa tal-bhejjem rigward il-prodotti mil-laħam importati minn pajjiż terzi;

Billi, wara missjoni veterinarja Komunitarja, jidher illi minkejja s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-bhejjem, il-Baħrajn huwa kopert b'servizzi veterinarji strutturati u organizzati tajjeb; billi l-produzzjoni ta' ċertu laħam ittrattat bis-sħana għall-esportazzjoni lejn il-Komunità trid tiġi ssorveljata minn veterinarju uffiċjali maħtur mid-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji;

Billi l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja jridu jkunu addattati għas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-bhejjem tal-pajjiż terz interessat;

Billi ingħataw il-garanziji illi laħam frisk li jrid jiġi pproċessat fil-Baħrajn jkun ġej minn stabbilimenti approvati skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 72/462/KEE;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

---

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
[2] ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 13.
[3] ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 15.
[4] ĠU L 237, tat-22.9.1993, p. 36.
[5] ĠU L 240, tad-29.8.1991, p. 28.
[6] ĠU L 236, tal-21.9.1993, p. 16.

ADOTTAT DIN ID- DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jawtoriżaw l-importazzjoni mill-Baħrajn tal-prodotti mil-laħam li jkunu għaddew minn jew:

— trattament f'kontenitur issiġillat ermetikamentt għal valur *Fö* ta' tlieta jew aktar, jew
— trattament tas-sħana hekk illi tkun inkisbet temperatura fiċ-ċentru ta' mill-inqas 80 °C.

2. L-Istati Membri ma għandhomx jawtoriżaw l-importazzjoni mill-Baħrajn tal-prodotti mil-laħam għajr dawk riferiti fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 2

Fil-Parti I ta' l-Anness mad-Deċiżjoni 79/542/KEE, jiddaħħal il-vers li ġej skond l-ordni alfabetiku tal-kodiċi ta' l-ISO:

"BH	Il-Baħrejn	o	o	o	o	o	o	o	o	o		(3) (4)		o	BH"

L-Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 91/449/KEE hija emendata kif ġej:

1. Fil-Parti II ta' l-Anness B, il-lista tal-pajjiżi approvati għalbiex jużaw iċ-ċertifikat kampjun tas-saħħa tal-bhejjem hija hawnhekk emendata bid-dħul tal-pajjiż li ġej:

   "Il-Baħrajn".

2. Fil-Parti II ta' l-Anness Ċ, il-lista tal-pajjiżi approvati għalbiex jużaw iċ-ċertifikat kampjun tas-saħħa tal-bhejjem hija hawnhekk emendata bid-dħul tal-pajjiż li ġej:

   "Il-Baħrajn".

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Jannar 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni